MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 1911/2005/1

**Mark Camilleri**
**ezercenti l-kummerc taht l-isem "Firm Camilleri Bros"**

**vs**

**James Clifford Micallef, martu Shirley Micallef bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' zewgha, u Dormax Promotional Printing Limited (C27511).**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' April, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal
>
> Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati, solidalment jew min minnhom, sabiex ihallsuh is-somma ta' erba mitt lira Maltin (Lm400.00), rapprezentanti l-

prezz ta' magna mibjugha u debitament ikkonsenjata. Bl-ispejjes tal-prezenti u tal-ittri interpellatorji datati 3 ta' Awissu 2005 u 6 ta' Ottubru 2005 (Dok. A u Dok. B), u bl-imghax mit-3 ta' Settembru 2004 korrispondenti ghad-data tal-bejgh sad-data tal-pagament effettiv, lkoll kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante (i) illi preliminarjament, l-intimati James Clifford Micallef u Shirley Micallef m'humiex il-legittimu kontraditturi tat-talbiet attrici, u ghalhekk ghandhom jigu liberati bl-ispejjes mill-osservanza tal-gudizzju u (ii) illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-intimati m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur, stante li l-magna in kwistjoni, li llum m'hijiex fil-pussess tal-intimati u ghalhekk m'humiex qeghdin juzawha, m'hijiex tal-kwalita' pattwita u/jew ghandha difetti mohbija, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Sema' x-xhieda ta' Dottor. Luigi Sansone prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Borg Cardona prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' Chris Abela prodott mill-attur.

Sema' x-xhieda ta' l-attur Mark Camilleri.

Sema' x-xhieda tal-konvenut James Clifford Micallef.

Sema' x-xhieda ta' Anthony Fenech Soler prodott mill-konvenuti.

Sema’ x-xhieda tal-Inginier Joseph Galea prodott mill-konvenuti.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi fil-qosor, il-fatti tal-kaz huma s-segwenti. L-attur kellu magna, u cioe ‘cutter industrijali’, li kien xtraha gdida xi hmistax il-sena qabel, liema magna huwa offra ghall-bejgh lill-konvenut James Clifford Micallef u peress illi dan ta’ l-ahhar kien accetta li jixtri l-magna, u l-partijiet ftehmu fuq prezz, din il-magna giet mibjugha lill-konvenut.

Skond l-attur, din il-magna giet konsenjata lill-konvenut fil-mahzen privat tieghu gewwa l-Birkirkara, u l-konvenut kien inghata perjodu ta’ kreditu sabiex ihallas. Wara li ghadda xi zmien pero, l-attur kien cempel il-konvenut sabiex dan ihallas, u l-konvenut kien tah ‘post-dated cheque’. Meta mbaghad eventwalment l-attur mar biex isarraf ic-cekk, dan gie ‘referred to drawer’. Peress illi l-prezz qatt ma thallas mill-kovnenut kellha ssir din il-kawza.

Illi skond l-attur, meta saru n-negozjati tal-bejgh tal-magna, l-konvenut qatt ma semma xi kumpanija, jew li kien qieghed jinnegozja ghan-nom ta’ xi kumpanija. L-attur kien taht l-impressjoni li kien qieghed jinnegozja mal-konvenut f’ismu proprju anki ghaliex fil-passat meta huwa kien biegh xi oggetti lill-konvenut li kien qieged jagixxi ghan-nom ta’ xi kumpanija, l-oggetti kienu jigu konsenjati gol-mahzen tal-fabbrika tal-konvenut gewwa Santa Venera.

Skond l-attur ghal madwar perjodu ta’ erba xhur wara l-konsenja tal-magna, l-konvenut qatt ma kien ilmenta dwar il-magna, u kien biss wara li ghaddew dawn l-erba xhur illi l-attur ircieva ilmenti minghand il-konvenut.  Fil-fatt kien biss meta l-attur beda jinsisti fuq il-pagament, illi l-konvenut beda jilmenta dwar il-magna.

L-attur ikkonferma illi huwa qatt ma rcieva xi att gudizzjarju dwar dawn l-ilmenti tieghu, u l-magna qatt ma giet ritornata lilu.

In oltre, l-attur ikkonferma illi qabel ma biegh il-magna lill-konvenut huwa fil-prezenza tieghu kien ippruvaha u din kienet qed tahdem kif suppost.

Minn-naha tieghu l-konvenut ikkonferma illi huwa Direttur tas-socjeta’ Dormax Promotional Printing Limited, u li l-attur qatt ma biegh xi haga lilu personalment.  Skond hu, meta l-attur kien offra l-magna in kwistjoni ghall-bejgh, hu ma kellux bzonnha, u kien ser ikollu bzonnha biss tlett xhur wara.  Ghalhekk il-magna giet konsenjata gewwa mahzen Hal Balzan, li l-konvenut l-ewwel qal li kienet tieghu, u wara kkorega ruhu u qal li kienet tal-kumpanija.

Skond il-konvenut, meta eventwalment din il-magna giet biex tintuza, irrizulta li kienet difettuza u ma kenitx qed tahdem.  Ghalhekk huwa kien kellem lill-attur sabiex jibghat lil xi hadd ha jara l-magna, izda l-attur fil-fatt qatt ma baghatlu li xi hadd.

Illi fl-istadju meta l-konvenut mar sabiex iqabbad il-magna ghall-ewwel darba minn meta giet ghandu, din il-magna kienet tinsab gewwa l-Marsa, u dana ghaliex skond l-hu, l-operazzjoni tal-kumpanija kienet caqalqet ghal Marsa dak iz-zmien.  Sussegwentement in-negozju kien inbiegh mill-konvenut u ghalhekk inbiegh ukoll il-makkinarju kollu hlief ghall-magna in kwistjoni

peress illi ma kenitx qed tahdem. Ghalhekk il-magna regghet giet spostjata mill-Marsa ghal go mahzen f'Santa Venera.

Waqt li kien qed jixhed in kontro ezami, l-konvenut qal illi l-ftehim tieghu mal-attur kien wiehed ta' xiri, fis-sens illi huwa kien xtara l-magna minghand l-attur. Meta gie mitlub jispjega x'konnessjoni kellu mal-kumpanija Dormax Promotion Printing Limited, huwa qal li m'ghandu x'jaqsam xejn ma din il-kumpanija, u ma kienx f'pozizzjoni jispjega ghaliex huwa hareg cekk intestat fuq din il-kumpanija, sabiex hallas lill-attur. Mistoqsi jekk huwa kienx informa lill-attur li kien qieghed jinnegozja f'isem il-kumpanija Dormax Promotional Printing Limited, huwa qal biss illi d-diskors sar fl-ufficcju tal-kumpanija u li l-magna kellu bzonnha ghan-negozju tal-kumpanija.

Il-konvenut stqarr ukoll illi huwa qatt ma ddepozita l-magna fil-Qorti u lanqas ma kien beda xi proceduri kontra l-attur fir-rigward tal-istess magna.

Illi x-xhud l-Inginier Joseph Galea xehed illi huwa gie mqabbad mill-konvenut sabiex ihaddem il-magna in kwistjoni, u din il-magna kienet tinsab gewwa post tal-konvenut fil-Marsa. Huwa kien ipprova jqabbad din il-magna izda wara li qabbad is-supply tal- elettriku maghha, xorta wahda ma kenitx bdiet tahdem. Il-konvenut ma kienx tah permess sabiex jivverifika izjed fil-fond x'kienet il-problema ghaliex l-ewwel ried ikellem lill-persuna minghand min xtara l-magna. Fil-fatt dan ix-xhud ma regghax ra l-magna wara din l-okkazjoni. L-istess xhud jghid illi din l-okkazjoni meta mar jara l-magna kienet bejn wiehed u iehor f'Dicembru.

Ix-xhud Anthony Fenech Soler prodott mill-konvenut xehed ukoll illi meta l-Inginier ipprova jqabbad il-magna, huwa kien prezenti, u li dan kien sar wara li kienu gabu l-magna gewwa l-

mahzen tal-Marsa. Huwa xehed illi din il-magna kienet tqieghdet fi tlett garaxxijiet differenti, kollha tal-konvenut.

Illi fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u cioe illi James Clifford Micallef u Shirley Micallef m’humiex il-legittimi kontraditturi tat-talbiet attrici, it-Tribunal jaghmel dawn is-segwenti osservazzjonijiet.

Fl-ewwel lok, l-attur fix-xhieda tieghu jinsisti illi huwa ghamel in-negozju ghal-bejgh tal-magna in kwistjoni dejjem ma James Clifford Micallef, u dan ta’ l-ahhar qatt ma qallu b’mod car li kien qieghed jidher ghan-nom ta’ xi kumpanija partikolari. Tant hu hekk illi l-konsenja tal-magna mill-attur ghall-konvenut saret fil-mahzen tal-konvenut gewwa l-Birkirkara, liema mahzen skond l-attur, hija proprjeta’ personali tal-konvenut. Il-konvenut qatt ma nnega dan il-punt fix-xhieda tieghu. Skond l-attur meta precedentement huwa kien biegh xi makkinarju lill-kumpanija tal-konvenut, dawn kienu gew konsenjati gewwa l-mahzen tal-fabbrika tal-kovnenut gewwa Santa Venera.

Illi huwa car li l-konvenut qatt ma kien preciz, dwar f’isem liema kumpanija kien qieghed jinnegozja ma l-attur. Fix-xhieda tieghu ghamel sensiela ta’ assunzjonijiet u wera li kien qieghed jippretendi li l-attur jasal ghall-certu konkluzzjonijiet wahdu.

Illi gie pruvat li l-partijiet ftehmu fuq prezz u sussegwentement il-magna giet konsenjata. Dakinhar pero, ma sar l-ebda hlas, u wara ftit, l-attur beda jigri wara l-kovnenut sabiex jithallas. Kien biss wara li ghadda ftit zmien illi l-konvenut ghadda c-cekk lill-attur. Dan kien cekk ta’ kumpanija jisimha Dormax Promotion Printing Limited, u cioe kumpanija li lanqas biss tezisti, ghaliex se mai, il-kumpanija tal-konvenut jisimha Dormax Promotional Printing Limited. Dan il-punt ikompli jsahhah il-fatt illi kien impossibbli ghall-

attur li jkun jaf li James Clifford Micallef kien qed jagixxi f'isem kumpanija partikolari. Mbaghad, il-konvenut ma kienx f'pozizzjoni li jispjega ghaliex hareg cekk f'isem kumpanija li lanqas biss tezisti, u t-tentattiv tieghu li jghid illi dan kien zball tal-bank ma jreggix. Kellha tkun ir-responsabbilta' tal-konvenut biss li jaghti l-informazzjoni korretta, u li ma johloqx konfuzjoni f'mohh il-persuna li jkun qieghed jinnegozja maghha.

Illi t-Tribunal jirrileva li huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax b'mod car u inekwivoku li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor.

Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Lawrence Formosa et nomine vs Silvio Felice, deciza fis-6 ta' Ottubru 1999, il-Qorti qalet hekk:- '*Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero', wiehed kellu jippresumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju*.'

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza 'John Vella nomine vs Anthony Vella et (Deciza 3 ta' Dicembru 1999), - '*Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva <u>b'mod</u> <u>car</u> <u>u</u> <u>univoku</u> illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta' ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta*.'

Fil-kawza 'Formosa vs Felice' fuq imsemmija, l-Qorti kompliet tghid illi:- '*il-prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f'isem u ghan-nom ta' haddiehor. Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta*.'

Illi tenut kont ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu illi l-konvenut James Clifford Micallef ma kienx spjega lill-attur b'mod car u univoku li huwa kien qieghed jinnegozja ghan-nom ta' kumpanija partikolari, u ghalhekk l-attur kellu ragun li jahseb li James Clifford Micallef kien qieghed jikkuntratta f'ismu proprju.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, fl-ewwel lok ma ngabet ebda prova da parti taghhom illi l-magna in kwistjoni llum ma tinsabx fil-pussess taghhom, u li ghalhekk mhumiex qedin juzawha. Minn ezami tal-provi jidher illi l-magna fil-fatt baqghet fil-pussess tal-konvenuti, u li se mai m'hijiex qed tintuza ghaliex ma kenitx qed tahdem.

Illi rigward il-punt jekk il-magna hijiex tal-kwalita' pattwita jew le u/jew jekk ghandha difetti mohbija, it-Tribunal irid jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fl-ewwel lok, hareg car mill-provi illi minn meta giet ikkonsenjata l-magna sa meta l-konvenuti ppruvaw ihaddmuha, ghaddew diversi xhur. Jekk wiehed jikkalkola li ic-cekk ghall-hlas kien 'post dated' b'xi tlett xhur, u ghandu d-data ta' 5 ta' Ottubru 2004, u l-Inginier ipprova iqabbad il-magna f'Dicembru, hemm it-trapass ta' bejn wiehed u iehor sitt xhur bejn il-konsenja u meta ippruvaw ihaddmu l-magna.

In oltre hareg car ukoll illi l-magna giet trasportata mill-konvenuti minn imhazen ghal iehor diversi

drabi waqt li kienet fil-pussess taghhom. L-attur xehed car illi din hija magna li sabiex ticcaqqlaq minn post ghal iehor ghandha bzonn hafna attenzjoni. L-attur ma kienx involut fit-trasport li ghamlu l-konvenuti u ghalhekk ma kellu l-ebda kontroll fir-rigward tal-istess.

Il-konvenut kien konxju tal-fatt li kien qieghed jixtri magna ‘second hand’, u ghalhekk jekk kellu jaghmel xi verifiki dwar l-istat taghha, kellu jaghmilhom bil-galbu qabel ma xtara l-istess. Li gie pruvat u mhux kontestat huwa l-fatt illi l-attur qabbad il-magna quddiem il-konvenut qabel ma xtraha, u din kienet tahdem. Di piu, jidher illi l-Inginier Joseph Galea mqabbad mill-konvenut ipprova jixghel il-magna biss, u meta talab li jindaga ftit izjed sabiex jara x’setghet kienet ir-raguni li l-magna ma kenitx qed tahdem, il-konvenut ma halliehx jaghmel hekk. Ghalhekk mhuwiex car jekk din il-magna verament ma tahdimx jew jekk inkella bi ftit tiswija jew manutensjoni tista’ terga’ tibda tahdem minghajr problemi.

Ghalhekk it-Tribunal m’huwiex konvint illi l-magna seta’ kellha xi difett latenti jew li ma kenitx tal-kwalita’ pattwita, ghaliex il-hsarat li graw lill-magna setghu facilment graw minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuti, jew minhabba traskuragni taghhom.

Fl-ahharnett, il-konvenut Micallef ma ha l-ebda passi sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu f’dan ir-rigward. Il-magna kienet u ghadha fil-pussess tieghu, u qatt ma giet depozitata il-Qorti kif se mai kellu jsir. Lanqas ma ttiehdu xi proceduri ohra da parti tal-konvenut sabiex il-bejgh jigi rexiss. Dawn kellhom ikunu r-rimedji li l-ligi taghti lill-konvenut, izda gjaladarba l-konvenut ghazel li ma jiehux passi kif mehtiega, ma jistax issa jippretendi sempliciment li ma jhallasx il-prezz tal-bejgh.

> Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talba attrici biss fil-konfront tal-konvenuti James Clifford Micallef u martu Shirley Micallef bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma zewgha, u jichadha fil-konfront tal-kumpanija Dormax Promotional Printing Limited, u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti James Clifford Micallef u Shirley Micallef ihallsu lill-attur is-somma ta' disa mija u wiehed u tletin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), ekwivalenti ghal Lm400, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti James Clifford Micallef u Shirley Micallef."

Il-konvenuti konjugi Micallef appellaw minn din is-sentenza biex jitolbu r-riforma taghha. Dan fis-sens illi filwaqt li din is-sentenza tigi kkonfermata in kwantu giet michuda l-ewwel eccezzjoni taghhom, tigi revokata dik il-parti taghha fejn giet respinta t-tieni eccezzjoni taghhom fil-mertu. Huma dan jitolbuh permezz ta' l-aggravju illi t-Tribunal adit ghamel apprezzament zbaljat tad-drittijiet u ta' l-obbligi tal-kontendenti naxxenti mit-transazzjoni ta' bejgh li saret bejn il-partijiet. F'dan il-kuntest l-appellanti jirrikorru ghal certi disposizzjonijiet fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378);

L-atturi wkoll jitolbu l-varjazzjoni tas-sentenza. Dan billi permezz ta' appell incidentali jilmentaw illi t-Tribunal ma kienx messu cahad ir-reklam taghhom ghall-hlas di fronte ghal kumpanija konvenuta Dormax Promotional Printing Limited. Huma jiddeducu dan bil-kontenzjoni illi din il-kumpanija qatt ma cahdet ir-relazzjoni guridika maghhom u li din ir-relazzjoni gabet maghha assunzjoni ta' obbligu solidali minn naha ta' l-istess kumpanija ghall-hlas tad-dejn tal-konjugi Micallef;

Fermi dawn l-aggravji ta' naha u ta' ohra, l-ewwel konsiderazzjoni li trid per forza taghmel din il-Qorti hija

jekk l-appelli, sija principali, sija incidentali, humiex ammissibbli. Kif inhu sew maghruf, l-appell hu mezz ta' impunjazzjoni sostitutiva ta' l-ewwel sentenza. Jista' pero` jaghti l-kaz illi dan il-mezz hu wiehed eskluz mil-ligi jew, xort'ohra, ristrett ghal certi kontingenzi. Hekk, ad ezempju, il-kontestazzjoni tas-sentenzi pronunzjati mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fejn il-valur tal-*petitum* ma jeccedix is-somma ta' hames mitt lira (Lm500) ma hijiex ammissibbli jekk l-appell ma jinkwadrax ruhu taht xi wiehed mill-ipotesijiet kalendati fis-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8 ta' Kapitolu 380. Jigifieri, (a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-guridizzjoni tat-Tribunal, (b) fuq kull kwestjoni ta' preskrizzjoni, (c) fuq kull nuqqas ta' tharis tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 7 u (d) meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' minn jappella;

Manifestament, fil-kaz prezenti, trattasi minn domanda ghal hlas ta' somma inferjuri ghal Lm500, l-aggravji devoluti mill-kontendenti lil din il-Qorti fl-appell rispettivi taghhom ma ghandhom ebda kollegament ma' l-ebda wiehed mis-succitati ipotesijiet in kwantu, fis-sostanza taghhom, ma humiex hlief censura tal-gudizzju tat-Tribunal fuq il-fatti kif apprezzati minnu, anke jekk, f'dan il-process huma ma jonqsux milli jintentaw pretensjonijiet ta' ksur ta' ligi pozittiva. Una volta li mill-ezami tas-sustanza ta' l-appelli interposti ma jirrizultax li dawn jinkwadraw ruhhom fil-parametri tal-limiti ta' appellabilita` akkonsentiti mil-ligi – tant li, esklusi ghal kollox s-subparagrafi (a), (b) u (c) surreferiti, lanqas ma gew miz-zewg appellanti dedotti ksur ta' l-imparzjalita`, jew tad-dritt ekwitattiv [subpara. (d)] – id-dover ta' din il-Qorti huwa dak li tiddikjara l-istess appelli bhala irriti u nulli. Ara "**John Attard –vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju, 2001;

Naturalment, l-assenza ta' sollevar tal-pregudizzjali ta' l-inappellabilita` minn xi hadd fost il-kontendenti ma twaqqafx lil din il-qorti milli tqajjimha hi stess. Hu, di fatti, principju konkordi u assodat illi din il-Qorti ta' revizjoni

ghandha mhux biss id-dritt izda, ukoll, id-dmir li tiddikjara *ex officio* l-inappellabilita` tad-decizoni fejn il-kaz hekk jesigi. Dan ghaliex tali principju hu wiehed ta' ordni pubbliku u l-Qorti ma tistax tassumi gurisdizzjoni li ma ghandhiex. Ara, fost ohrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Maltacom plc –vs- Central Asphalt Limited**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 22 ta' Novembru, 2006;

Riferibilment ghall-appell incidentali irid jinghad illi dan huwa ghal kollox insostenibbli. Ibda biex, il-presupposti ta' l-obbligazzjoni solidali kif johorgu mill-Artikolu 1094 tal-Kodici Civili jikkomprendu (i) pluralita` ta' soggetti fl-istess rapport, (ii) ghall-istess haga diretta ghas-sodisfaciment ta' l-interess kreditorju, u (iii) l-*eadem causa obligandi*. F'din il-konfigurazzjoni s-socjeta` konvenuta Dormax ma ticcentra xejn tant ghaliex hi mill-attur innifsu (ara x-xhieda tieghu *in calce* a fol. 26) eskluza mill-kontrattazzjoni negozjali – "jien in-negozju ghamiltu mal-konvenuti personalment u mhux mal-kumpanija" – tant ghaliex ukoll din il-kumpanija qatt ma assumiet responsabilita` solidali ghall-hlas dovut. Huwa minnu lic-cheque li ma ssarrafx inhareg mill-kont tal-kumpanija izda b'daqshekk ma giet krejata ebda solidarjeta`. Dan anke ghaliex hlas bhal dak seta' dejjem isir, kif hekk prevvist mil-ligi fl-Artikolu 1148 (2) tal-Kodici Civili;

Ghal motivi kollha superjorment dedotti din il-Qorti qed tichad kemm l-appell principali tal-konvenuti mizzewgin Micallef kif ukoll dak incidentali ta' l-atturi. Is-sentenza appellata qeghda konsegwentement tigi konfermata b'kull parti thallas l-ispejjez gudizzjarji ta' l-appell introdott minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------